**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 03, IT-TLIETA, 12 ta' MEJJU 2015**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar IT-TLIETA 12 ta' Mejju 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**Preżenti (Seba' Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Vincent Bonello | Vici Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Louise Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**Talba**

Is-Sindku qal it-Talba.

**03/01 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Gew iccirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 2 lill-Membri prezenti.

Il-Minuti gew approvati unanimament.

**03/02 PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI**

**03/02/01 Quote for Next Council Magazine**

Is-Sindku, Christian Sammut, nfurma lill-membri li tkellem mas-Sur Jason Taliana dwar il-harga tal-Magazine. Il-membri qablu li zewg hargiet se jkunu vicin xulxin u ghaldaqstant se ghandha tinhareg harga wahda.

Is-Sindku, Christian Sammut, gibed l-attenzjoni li f'pagna 3, paragrafu 4 jigi mizjud il-kliem 'L-attivitajiet ghandhom jigu organizzati fil-Hamrun'.

**03/02/02 CCTV Cameras fi Gnien Anton Buttigieg**

Il-Vici Sindku, Vincent Bonello, gibed l-attenzjoni dwar il-hsieb tal-Gnien Anton Buttigieg fejn kien tkellem ma' persuna li tghix fl-area, sabiex jiehu hsieb il-gnien. Dan huwa persuna jirregistra u jista' jiddahhal fl-iskema tal-ETC. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li titqabbad din il-persuna u ghas-servizz li jaghti matul il-weekend jithallas bir-rata tal-overtime jew inkella lump sum. Is-Sindku semma li bhalissa qed jithejja d-dokument sabiex tinhareg sejha ghall-

kwotazzjoni ghal dan is-servizz. Is-Sindku talab li l-Kunsill ikun jaf min hi din il-persuna. Il-Vici Sindku ma xtaqx isemmi ismijiet. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti rribatta li huwa mportanti li l-Kunsill ikun jaf min hi din il-persuna, qabel tittiehed decizjoni, ghaliex dan se jigi jiswa l-flus lill-Kunsill. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma lill-membri li l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tippermettix li jkun hemm installar ta' CCTV Cameras u attendant. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet tintervejni. Is-Sindku accetta li s-Segretarju Ezekuttiv tintervjeni. Hi nfurmat lill-membri li l-Kunsill ghandu jivverifika li s-suggeriment tas-Sur Bonello jistax jintlaqa' mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig, filwaqt li l-Kunsill ghandu jimxi skont il-proceduri stabbiliti fil-ligi.

Ghaldaqstant gie deciz li tingieb aktar informazzjoni mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig dwar dan is-suggeriment.

**03/02/03 Jum il-Hamrun**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li tkellmet ma' Patri Gwardjan Anton Farrugia dwar il-Quddiesa ta' Radd il-Hajr fejn giet infurmata li dakinhar il-Knisja San Frangisk fis-6.30p.m. ghandha l-Purcissjoni tal-Madonna tas-Sokkors u ghaldaqstant il-Quddiesa tista' ssir fis-7.30p.m. Patri Gwardjan issuggerixxa li ghal din is-sena l-Quddiesa tinzamm fil-Parrocca tal-Kuncizzjoni u l-Kunsill joffri bukkett fjuri fi tmiem il-quddiesa lill-Madonna. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li l-Quddiesa tinzamm fil-Parrocca Immakulata Kuncizzjoni.

Il-Vici Sindku ssuggerixxa li ssir roster kif gej;

2015 Parrocca Immakulata Kuncizzjoni
2016 Knisja San Frangisk
2017 Parrocca San Gejtanu

Il-Kunsill qabel mar-roster.

**03/02/04 Serata Letterarja**

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-Programm ghas-Serata Letterarja issa jinsab lest. Hija hegget lill-kunsilliera jippartecipaw billi jiktbu jew jaqraw Poezija waqt din is-serata.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma lill-membri li qed jistenna risposta dwar l-ghotja ta' toothpaste u toothbrush s'ghada.

**03/02/05 Sorveljanza mill-Pulizija waqt l-Ezamijiet**

Is-Sindku Christian Sammut gibed l-attenzjoni li kien hemm granet fejn ma kienx hemm sorveljanza mal-Iskola Maria Assumpta waqt l-ezamijiet tal-Matsec.

Is-Sindku staqsa dwar il-Laqgha mal-Pulizija. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li baqghet minghajr feedback u minghajr risposta. Fil-fatt regghet baghtet reminder bl-email u ppruvat tikkuntattja lis-Supretendent fuq il-mobile izda ma kellix twegiba.

**03/02/06 Gieh il-Hamrun**

Is-Sindku, Christian Sammut, fakkar lill-membri sabiex jippreparaw in-nomini taghhom ghall-Unur Gieh il-Hamrun. Is-Sindku ppropona li jinghata rikonoxximent lill-kitarrist tal-Grupp 'Airport Impressions' li huwa mill-Hamrun.

Il-kunsillier Jurgen Carl Grixti ppropona li jinghata rikonoxximent lill-kantant Franklin u lil Fr. Martin Borg, li huma mill-Hamrun.

Il-Kunsillier Efrem Buttigieg ippropona li jinghata rikonoxximent lill-kantant veteran Joe Tanti, membru tal-Grupp Greenfields.

Il-Kunsillier Louise Tedesco pproponiet li jinghata rikonoxximent lill-kantant Simon Schembri.

Is-Sindku Christian Sammut fisser li kemm Joe Tanti kif ukoll Simon Schembri huma zewg kantanti stabbiliti li jixirqilhom Gieh il-Hamrun aktar milli rikonoxximent.

Is-Sindku spjega li dan is-suggett se jigi diskuss fis-Seduta li jmiss.

**03/03 Skeda ta' Hlasijiet**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

**03/04 Sotto Kumitati**

Is-Sindku talab lill-membri jipprezentaw il-lista tal-membri tas-Sotto Kumitati rispettivi

**Sotto Kumitat 1 – Christian Sammut, Sindku**

Tania Borg Agius
Neil Demicoli
Mario Zammit
Jean Pierre Gatt
Alex Cassar
Orlando Attard
Ruth Portelli
Maria Mallia
Joseph Jones

**Sotto Kumitat 2 – Vincent Bonello, Vici Sindku**

Alfred Ciantar
Mario Camilleri
Joe Cristina
Louis Cutajar
Joe Attard
Joseph Azzopardi

**Sotto Kumitat 3 – Antonello Cuschieri**

Giovanella Abela
Malcolm Zammit
Joe Bugeja
Joe Muscat
Alfred Cuschieri
Max Farrugia
Marco Spiteri
Gino Zammit

**Sotto Kumitat 4 – Carmen Borg**

Judith Bugeja
Alfie Guillaiumeer
Moses Borg
Joseph Cauchi
Michael Buhagiar
Annabel Brown
Marthese Buttigieg

**Sotto Kumitat 5 – Louise Tedesco**

Francesco Bezzina
Alfred Scerri
George Portelli
Frans Cassar

**Sotto Kumitat 6 – Jurgen Carl Grixti**

Chantelle Saliba
Jessica Pisani
Javier Hatherly
Aaron Formosa
Antoine Vassallo
Antoine Mifsud

**Sotto Kumitat 7 – Efrem Buttigieg**

Joseph Mercieca
Rowen Camilleri
Jean Carl Agius
Joseph Portelli
Victor Sacco
Francine Borg
Maria Debono
Maria Mifsud Bonnici

Il-Kunsill approva l-membri tas-Sotto Kumitati proposti.

**03/04 Ħwejjeg ta' Natura Urgenti**

Is-Sindku, Christian Sammut, spjega s-Sospensjoni tal-1Hr Parking fi Triq il-Kbira San Guzepp. Is-Sindku ssuggerixxa li jsiru laqghat ta' konsultazzjoni kemm mal-businesses kif ukoll mar-residenti sabiex il-Kunsill jiehu feedback qabel tittiehed azzjoni.

Il-Vici Sindku, Vincent Bonello, staqsa jekk hux se jsiru laqghat mal-Kumitati Hamrun Ahjar u l-Hamrun Business Forum. Is-Sindku spjega li l-Hamrun Business Forum ma jirrapprezentax il-businesses kollha. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li jsiru laqghat mar-rapprezentanti tal-Hamrun Business Forum. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti spjega li huwa mportanti li ssir konsultazzjoni pubblika dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa jekk l-invit hux se jitqassam lill-hwienet kollha tal-Hamrun jew jekk hux lill-hwienet ta' Triq il-Kbira San Guzepp.

Sar qbil li jigu mistiedna l-hwienet u r-residenti kollha ta' Triq il-Kbira San Guzepp u t-toroq li jmissu maghha.

Il-Laqgha ghandhom isiru kif gej;

It-Tnejn 8 ta' Gunju fis-7.30p.m. – Laqgha ta' Konsultazzjoni Pubblika ghall-Hwienet
It-Tlieta 9 ta' Gunju fis-6.30p.m. – Laqgha ta' Konsultazjzoni Pubblika ghar-residenti

**03/05 Korrispondenza**

03/05/01 Stedina mill-Hamrun Spartans – Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri bl-istedina mill-Hamrun Spartans ghal Gimgha 15 ta' Mejju 2015, liema stedina giet mghoddija bl-email.

03/05/02 Talba ghal-Laqgha mal-WastServ; Il-Kunsill qabel li ssir laqgha ma' WastServ. Il-Kunsill ikun rapprezentat mis-Sindku Christian Sammut u mill-Kunsillier responsabbli mill-Indafa, Efrem Buttigieg.

03/05/03 Talba ghall-Cookery Lessons fil-Kunsill – wara diskussjoni dwar din it-talba, l-Kunsill qabel li dan il-kors ma jistax isir fis-Sala tal-Kunsill, izda ghandu jikkoordina mal-iskola Maria Regina dwar l-uzu ta' wiehed mil-Laboratorji tal-Home Economics taghhom.

03/05/04 Reklam fuq il-Magazine tal-Festa Ghaqda Muzikali San Guzepp, Hamrun – Il-Kunsill ta' kull sena jinghata l-opportunita' jirreklama l-attivitajiet/ahbarijiet tieghu f'pagna f'dan il-magazine. Il-Kunsill qabel li jaghmel reklam Half Page B&W li jammonta ghal €30.00.

**03/06 Hwejjeg Ohra**

03/06/01 Is-Sindku, Christian Sammut, talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex ikun jista' jattendi ghall-ewwel Forum ta' Sindki mill-EU, Amerika Latina u l-Karibew, liema Forum se jinzamm fi Brussels. Il-Kunsill approva li s-Sindku jattendi ghal dan il-Forum.

03/06/02 Is-Sindku Christian Sammut infurma lill-membri b'xi tibdil li se jsir fil-Customer Care Offices. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex isir tibdil minimu infrastrutturali fejn il-bank tal-customer care jigi f'forma ta' "U' sabiex iz-zewg impjegati li jkun hemm fil-Customer Care jibqghu jahdmu minn hemm, matul il-gurnata kollha, filwaqt li l-impjegati fil-back office jigu wara l-Customer Care area. Dan sabiex fl-ebda hin ma jkun hemm il-Customer Care Area vojta. Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ssekonda din il-proposta ghaliex b'hekk jinbena aktar teamwork u kulhadd jitghallem minn xulxin, ghaliex taf kemm taf, dejjem hemm lok li titghallem. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma li hu jaqbel ukoll ma din id-decizjoni ghaliex bl-istaff migbur f'area wahda l-Customer Care jaghti dehra li huwa aktar welcome.

03/06/03 Is-Sindku Christian Sammut talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinxtara Coffee table ghall-ufficcju tas-Sindku, sabiex meta jkollu laqghat ikun jista' jilqa' lil dak li jkun hemm u mhux wara skrivanija.

03/06/04 Is-Sindku Christian Sammut ippropona li fi Triq id-Duluri u Sqaq il-Ghajn jitpoggew pjanti biex tissebbah l-area. Barra minhekk huwa heggeg lill-membri sabiex jidentifikaw zoni ghal tisbih simili.

03/06/05 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg fakkar lis-Segretajru Ezekuttiv sabiex tghaddilu kopja tal-Budget ghas-sena 2015. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg talab li jsir meeting mas-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku sabiex flimkien jiddiskutu l-kuntratti l-godda relatati mat-tindif.

03/06/06 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li jigu ffurmati sotto kumitati biz-zoni sabiex il-Kunsill jilhaq iz-zoni kollha tal-lokalita'. Il-Kunsillier Carmen Borg ipproponiet li l-Kunsill jaghmel aktar gid jekk il-membri jduru z-zoni mqar darba fix-xahar u jsiru laqghat mar-residenti. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa jekk hux possibli li l-laqghat tal-Kunsill jistghux isiru barra. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li minhabba li l-laqghat ghandhom jigu streamed live, dan ma jistax isehh.

03/06/07 Il-Kunsillier Carmen Borg talbet lill-membri l-approvazzjoni taghhom sabiex tinhareg sejha ghall-kwotazzjoni ta' Tutor sabiex matul ix-xhur tas-Sajf jinzammu 'Revision Courses' ghat-tfal tal-Hamrun. Il-Kunsill approva li tinhareg is-Sejha ghal Tutor ghal Revision Courses.

03/06/08 Il-Kunsillier Carmen Borg gibdet l-attenzjoni li fi Triq San Frangisk tal-iscammel jaghsar l-iskart u l-likwidu qed jispicca fit-triq u jhalli ntejjen xejn pjacevoli. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-membri li dan isehh ghaliex ikun hemm hsarat fit-trakk u mhux ghax normalment isir hekk. Is-Segretarju Ezekuttiv ghamlet enfazi li l-Kunsill jiehu hsieb li l-ispecifications tat-tender document ghall-gbir ta' skart isir bir-reqqa sabiex jigu evitati dawn id-diffikultajiet.

03/06/09 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni li qed ikun hawn zghazagh li jhabbtu l-bibien tan-nies u jghidulhom li qed jigbru xi flus ghall-iskola. Fuq dan l-ispunt il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li fil-Harga tal-Magazine tiddahhal informazzjoni dwar Sigurta'.

**03/07 Aggornament**

Il-Laqgha giet aggornata ghat-Tlieta 19 ta' Mejju 2015, fis-6p.m.

Il-Laqgha ntemmet fit-8.10p.m.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

______________________

DATA